# 18. Ix-Xwejħa

Ħareġ mill-port,
u naqra naqra
beda jitbiegħed...
l-imkatar u t-tixjir
tal-idejn
ma naqgħux jidhru...
L-għajat inbela’
mill-bogħod...
B’idha fuq moħħha
sfurzat għajnejha
u ratu
jiċkien, jiċkien, jiċkien
sa ma sar tikka
u għab fix-xefaq...
Id-daħna tiegħu
intfiet ukoll!
Fil-ponta tal-Barrakka
qalbha sfat battala
daqs bejta meta josfru
il-frieħ u l-għammelin.
Qallha żewġha:
“Ejja mmorru!”
U telqet lejn id-dar
kif jitlaq
il-ħati lejn il-ħabs
wara s-sentenza.